Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

1 ta' Marzu, 2001

## ATT Nru. VIII ta' l-2001

*ATT biex jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' l-Importazzjoni, Kap. 337.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att ta' l-2001 li jemenda l-Att dwar Dazji ta' Importazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att principali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap 337.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

**2.** L-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 35 ta' l-Att principali.

(a) il-paragrafu (e) li jinsab fih għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (f) tiegħu; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu (e) ġdid li ġej:

"(e) biex ikunu stabbiliti proċeduri tad-Dwana dwar is-sospensjoni jew it-teħid lura ta' dazji jew drittijiet oħra jew dwar restrizzjonijiet fuq importazzjoni konnessa ma' l-ipproċessar jew l-ipproċessar ulterjuri f'Malta ta' oġġetti jew materjal importati f'Malta u biex isiru arranġamenti li

jipprovdu għall-ħlas ta' dazji fuq oġġetti manifatturati minn dawk l-oġġetti jew materjal hekk importati, skond il-klassifika li taħta l-oġġetti ipproċessati jew ipproċessati ulterjorment ikunu jaqgħu, u biex jipprovdu d-dazju fuq oġġetti esportati temporanjament minn Malta, u li jerġgħu jiġu importati wara xi ipproċessar jew ipproċessar ulterjuri barra minn Malta, id-dazju jitħallas biss fuq il-valur magħdud fuq dawk l-oġġetti b'dak l-ipproċessar jew ipproċessar ulterjuri; u dawk il-proċeduri jistgħu jipprovdu għall-ħlas ta' interessi fuq dazju jew drittijiet oħra sospiżi skond dawk il-proċeduri.".

Sostituzzjoni ta' l-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' l-Att principali

**3.** Minflok l-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' l-Att prinċipali għandhom jidħlu l-iskedi li hemm fl-Iskeda A li tinsab ma' dan l-Att.

Dispożizzjoni transitorja.

**4.** Sakemm isiru regolamenti taħt l-artikolu 35 ta' l-Att prinċipali kif emendat bl-artikolu 2 ta' dan l-Att, ir-regolamenti li hemm fl-Iskeda B li tinsab ma' dan l-Att għandhom jitqiesu li jkunu saru taħt l-imsemmi artikolu 35 kif emendat, u għandu jkollhom effett u jistgħu jiġu emendati, revokati jew sostitwiti skond hekk.

## Skeda A

(Artiklu 3)

## "L-EWWEL SKEDA

(Artikoli 2, 3 u 4)

(Din l-EWWEL SKEDA qegħda tinġieb fl-ilsien Ingliż biss skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, KAP. 337)".

## TIENI SKEDA

(Artikolu 5)

## HELSIEN MINN DAZJU

I. Oġġetti ri-importati

(a) Oġġetti li jiġu ri-importati mhux alterati

(b) Kampjuni li jkunu ġew esportati temporanjament

II. Oġġetti ta' deskrizzjoni speċifikata jew oġġetti importati jew użati f'ċirkostanzi speċifiċi

(a) Oġġetti li huma murija għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur tad-Dwana li jkunu ġew mogħtija barra minn Malta lil xi persuna għal distinzjoni fl-arti, letteratura, xjenza jew sport, jew għal servizz pubbliku, jew xort'oħra bħala xiehda ta' għemil jew kondotta meritevoli, u importati minn jew f'isem dik il-persuna.

(b) *(i)* Idejn, dirgħajn, riġlejn u saqajn artifiċjali u oġġetti kirurġiċi oħra ta' xorta simili, magħduda *spare parts* u aċċessorji, għas-serħan ta' inkapaċità permanenti tal-persuna, iżda illi, fil-każ ta' *spare parts* u aċċessorji, il-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li jkunu importati sabiex isiru lokalment idejn, dirgħajn, riġlejn u saqajn artifiċjali jew oġġetti oħra simili u siġġijiet ta' l-invalidi li l-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li jkunu għall-użu esklużiv ta' persuna li tkun tbati minn xi difett fiżiku jew inkapaċità permanenti.

*(ii)* Oġġetti li jkunu speċifikament maħsuba għall-edukazzjoni, l-impieg jew l-avvanz soċjali ta' persuna li tbati minn xi inkapaċita fiżika jew mentali permanenti, b'dan illi l-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li l-imsemmija oġġetti jkunu importati għall-użu esklużiv ta' l-imsemmija persuna.

(ċ) Rigali *bona fide* ta' xorta mhux kummerċjali li kull tant jiġu riċevuti minn persuna mingħand oħra li tirrisjedi barra minn Malta u li jkunu maħsuba għall-użu persunali ta' min jirċevihom jew għall-familja tiegħu, kemm-il darba dawk ir-rigali ma jkunux jikkonsistu f'xorb alkoholiku u lanqas f'tabakk jew prodotti tat-tabakk u l-valur totali CIF tar-rigali kull darba ma jkunx ta' iżjed minn ħamsin lira.

(d) *Braille*, u kull oġġett ieħor għall-użu mill-għomja importat minn istitut rikonoxxut, jekk il-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li dawk l- oġġetti jkunu ġew importati għall-użu esklużiv ta' persuna għamja.

(e) Ikel u xorb mahsuba ghall-użu minn ordnijiet reliġjużi mendikanti u istituzzjonijiet privati tal-karita li jkollhom dak l-gharfien mill-Ministru.

(f) Apparat li jgħin fis-smigh mahsub ghall-użu mit-torox u partijiet tieghu identifikabbli.

(ġ) Oġġetti tad-dar u oġġetti persunali, ghamara u oġġetti domestiċi ohra, (minbarra armi tan-nar u armi ta' kull xorta), li fl-opinjoni tal- Kontrullur tad-Dwana jkunu ġew użati fid-dar tal-persuna li qed timporta jew tal-familja taghha, u li jkunu importati minn dik il-persuna meta ġġorr il-mobbli tad-dar taghha minn pajjiż iehor ghal Malta, iżda dawn l-oġġetti ghandhom jiġu importati fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla f'Malta, jew f'dak iż-żmien iehor li l-Kontrullur tad-Dwana jista' jippermetti.

(h) Vettura bil-mutur privata wahda li tiġi importata minn persuna (ir-raġel u l-mara jghoddu bhala persuna wahda ghall-ghanijiet ta' din il-partita) li tiġi biex toqghod f'Malta b'dan illi dik il-persuna tissodisfa lill- Kontrullur tad-Dwana illi -

*(i)* ikollha fil-pussess taghha permess tar-residenza mahruġ lilha mill-Gvern skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217); u

*(ii)* il-vettura bil-mutur kienet fil-pussess taghha ghal żmien kontinwu ta' mill-inqas sitt xhur li jiġi minnufih qabel il-hruġ ta' l-imsemmi permess, sakemm hlasijiet ta' dwana u/jew hlasijiet fiskali li ghalihom tkun normalment suġġetta dik il-vettura jkunu thallsu jew fil-pajjiż ta' l-oriġini jew fil-pajjiż tat-tluq u bil-kundizzjoni li dik il-vettura bil-mutur tiġi importata fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-imsemmi permess jew mid-data tal-wasla ta' dik il-persuna f'Malta, skond liema data tiġi l-iktar tard:

Iżda meta vettura bil-mutur bhal dik tiġi importata eżenti mid-dazju tinbiegh jew tiġi trasferita minn dik il-persuna ghall-użu f'Malta, dik il-vettura bil-mutur titqies li nharġet mid-depożt fil-waqt ta' dak il-bejgh jew trasferiment taghha u d-dazju ghandu jithallas fuqha mill-persuna li ssir is-sid taghha skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att.

(i) Vettura bil-mutur privata wahda li tiġi importata minn emigrant Malti (ir-raġel u l-mara jghoddu bhala persuna wahda ghall-ghanijiet ta' din il-partita) li tiġi lura biex toqghod f'Malta b'dan illi dak l-emigrant jissodisfa lill-Kontrullur tad-Dwana illi -

*(i)* kien ilu joqghod barra minn Malta ghal żmien li b'kollox iġib l-ghaxar snin matul il-perijodu ta' hmistax-il sena li jiġi minnufih qabel il-wasla tieghu biex joqghod ghal kollox f'Malta; u

*(ii)* il-vettura bil-mutur kienet fil-pussess tagħha għal żmien kontinwu ta' mill-inqas sitt xhur li jiġi minnufih qabel il-wasla tiegħu biex joqgħod għal kollox f'Malta, sakemm ħlasijiet ta' dwana u/jew ħlasijiet fiskali li għalihom hija normalment suġġetta dik il-vettura jkunu tħallsu jew fil-pajjiż ta' l-oriġini jew fil-pajjiż tat-tluq u bil-kundizzjoni li dik il-vettura bil-mutur tiġi importata fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla ta' dak l-emigrant biex joqgħod għal kollox f'Malta:

Iżda, meta xi vettura bil-mutur bħal dik tiġi importata eżenti mid-dazju tinbiegħ jew tiġi traferita minn dik il-persuna għall-użu f'Malta, dik il-vettura bil-mutur titqies li nħarġet mid-depożt fil-waqt ta' dak il-bejgħ jew trasferiment tagħha u d-dazju għandu jitħallas fuqha mill-persuna li ssir is-sid tagħha skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att.

(j) Bagalji tal-vjaġġatur magħduda:

*(i)* Ilbies u ħwejjeġ personali wżati, li l-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li jkunu maħsuba għall-użu personali tal-vjaġġatur, izda esklużi armi tan-nar u armi ta' kull xorta.

*(ii)* *(a)* 200 sigarett JEW 100 *cigarillos* JEW 50 sigarru JEW 250 gramma ta' tabakk tat-tipjip.

*(b)* 1 litru spirti JEW 2 litri ta' prodotti intermedji u nbid spumanti.

*(ċ)* 2 litri nbid.

*(d)* 50 gramma profumerija u 0.25 litru *toilet water*:

Iżda l-konċessjoni fuq il-prodotti tat-tabakk u xorb alkoholiku skond (a), (b) u (c) hawn fuq m'għandhiex tingħata lill-persuni taħt is-sbatax-il sena jew li kienu barra minn Malta għal inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa.

*(iii)* Dawk l-oġġetti mixtrija għall-użu tal-vjaġġatur innifsu jew bħala rigali *bona fide*, li ma jkunux l-oġġetti msemmija fil-paragrafi (i) u (ii) ta' din il-partita sa valur ta' ħamsin lira, b'dan illi meta l- valur totali ta' dawn l-oġġetti jkun jaqbeż il-ħamsin lira, din id-dispożizzjoni ma tkunx tgħodd u t-taxxa li titħallas fuq dawk l-oġġetti għandha titnaqqas b'ħames liri.

(k) Kampjuni ta' ebda valur kummerċjali.

(l) Strumenti jew apparat xjentifiku, maħsub speċifikament għal skopijiet ta' edukazzjoni jew għal riċerka purament xjentifika, b'dan illi -

*(i)* dawk l-istrumenti jew apparat xjentifiku jiġu konsenjati lil istituzzjoni xjentifika jew edukattiva pubblika jew privata li tkun approvata mill-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni u jkunu wżati taħt il-kontroll u r- responsabbiltà ta' dik l-istituzzjoni; u

*(ii)* strumenti u apparat ta' l-istess valur xjentifiku ma jkunux qed jiġu fabbrikati f'Malta.

(m) Reġistrazzjonijiet tal-ħoss u tal-*video* ta' karattru edukattiv, xjentifiku jew kulturali magħmula mill-Ġnus Magħquda jew xi waħda mill-aġenziji speċjalizzati tagħha.

Skeda B

(Artikolu 4)

IR-RABA' SKEDA

(Artikolu 35)

**Regolametni ta' l-2001 dwar Proċeduri tad-Dwana b'Impatt Ekonomiku**

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 35 ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2001 dwar Proċeduri tad-Dwana b'Impatt Ekonomiku, u għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

Proċeduri tad-Dwana b'impatt ekonomiku.

**2.** Proċedura tad-dwana li jkollha jew jista' jkollha, impatt ekonomiku għandha tkun konformi mal-provvedimenti ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA

(Regolament 2)

**A. Provvedimenti komuni għal diversi proċeduri**

*Artiklu 1*

1. Fl-Artikli li ġejjin:

(a) fil-każ ta' oġġetti mhux Maltin kif imfissra fl-Artiklu 8(1) (i) u (ii), il-kelma "proċedura" tapplika għal dawn l-arranġamenti li ġejjin:

- ipproċessar intern fl-għamla ta' sistema ta' sospensjoni:
- ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana:
- ħżin li jsir mid-dwana:

(b) meta tintuża l-frażi "proċedura tad-dwana b'impatt ekonomiku", din tiftiehem bħala li tapplika għal dawn l-arranġamenti li ġejjin:

- ipproċessar intern;
- ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana;
- ipproċessar estern;
- ħżin li jsir mid-dwana;

2. "Oġġetti ta' importazzjoni" tfisser oġġetti mqiegħda taħt "proċedura sospensiva" u oġġetti li, taħt il-proċedura ta' ipproċessar intern fl-għamla tas-sistema ta' ħlas lura, jkunu għaddew mill-formalitajiet għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera u l-formalitajiet li hemm ipprovdut dwarhom fl-Artiklu 19;

3. "Oġġetti fi stat mhux mibdul" tfisser l-oġġetti ta' importazzjoni li, taħt il-proċedura ta' ipproċessar intern jew il-proċeduri għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana, ma jkunu għaddew minn ebda għamla ta' ipproċessar;

4. "Trattament jew użu approvati mid-dwana" tfisser:

a. it-tqegħid ta' oġġetti taħt proċedura tad-dwana;

b. id-dħul tagħhom ġewwa port ħieles;

ċ. l-esportazzjoni tagħhom mill-ġdid;

d. il-qirda tagħhom;

e. l-abbandun tagħhom favur il-Gvern;

5. "Proċedura tad-dwana" tfisser:

a. ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;

b. it-tqegħid fi mħażen tad-dwana;

ċ. ipproċessar intern;

d. ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana;

e. ipproċessar estern;

f. esportazzjoni;

6. "Arranġament sospensiv" tfisser arranġament applikat għall-produzzjoni, ipproċessar, tiżmim u moviment ta' prodotti, filwaqt li d-dazju ta' l-importazzjoni u ħlasijiet oħra ta' l-importazzjoni jkunu sospiżi;

7. "Miżuri ta' politika kummerċjali" jinkludu miżuri tariffarji jew mhux-tariffarji minbarra dazji ta' importazzjoni u ħlasijiet oħra ta' importazzjoni/esportazzjoni li japplikaw għal proċeduri tad-dwana;

8. "Persuni stabbiliti f'Malta" tfisser:

- fil-każ ta' persuna naturali, kull persuna li normalment tkun residenti Malta;

- fil-każ ta' persuna ġuridika jew assoċjazzjoni ta' persuni, kull persuna li jkollha f'Malta l-uffiċċju reġistrat tagħha, kwartieri ċentrali jew stabbiliment kummerċjali permanenti;

9. "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għad-dwana;

10. "Kontrullur" tfisser il-Kontrullur tad-Dwana, u tinkludi lil kull persuna oħra li jkollha xi awtorita` espressa jew impliċita li taġixxi minflok l-imsemmi Kontrullur fit-twettiq tal-provvedimenti ta' din l-Iskeda u d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħha.

*Artiklu 2*

Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra, l-użu ta' xi proċedura tad-dwana b'impatt ekonomiku għandu jsir fuq kondizzjoni li tinħareġ awtorizzazzjoni mill-Kontrullur.

*Artiklu 3*

Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet speċjali addizzjonali li jirregolaw il-proċedura in kwistjoni, l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artiklu 2 u dik imsemmija fl-Artiklu 48(1) għandha tingħata biss:

- lil persuni li joffru kull garanzija meħtieġa għat-tmexxija kif għandha tkun ta' l-operazzjonijiet;

- meta l-Kontrollur ikun jista' jagħmel superviżjoni u jissorvelja l-proċedura mingħajr ma jkollu jintroduċi arranġamenti amministrattivi li jkunu sproporzjonati mar-riżultat ekonomiku involut.

*Artiklu 4*

1. Il-kondizzjonijiet li taħthom tintuża l-proċedura in kwistjoni għandhom jiġu stipulati fl-awtorizzazzjoni.

2. Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għandu javża lill-Kontrullur bil-fatturi kollha li joriġinaw wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni li jistgħu jinfluwixxu fuq it-tkomplija jew kontenut tagħha.

*Artiklu 5*

Il-Kontrullur jew il-Ministru, skond il-każ, jista' jagħmel it-tqegħid ta' oġġetti taħt arranġament sospensiv fuq kondizzjoni li tingħata garanzija sabiex jiżgura li kull dazju tad-dwana u ħlas ieħor għall-importazzjoni/esportazzjoni li jista' jkun hemm għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, jitħallas.

Provvedimenti speċjali dwar l-għoti ta' garanzija jistgħu jiġu stipulati fil-kuntest ta' xi arranġament sospensiv speċifiku.

*Artiklu 6*

1. Arranġament sospensiv b'impatt ekonomiku m'għandux jibqa' jseħħ meta xi trattament jew użu ġodda approvati mid-dwana jingħata jew lill-oġġetti mqiegħda taħt dak l-arranġament jew lil prodotti kompensattivi jew ipproċessati mqiegħda taħtu.

2. Il-Kontrullur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni ta' l-oġġetti li dwarhom tkun baqgħet isseħħ xi proċedura taħt il-kondizzjonijiet preskritti.

*Artiklu 7*

Id-drittijiet u l-obbligi tad-detentur ta' proċedura tad-dwana b'impatt ekonomiku jistgħu, skond il-kondizzjonijiet stipulati mill-Kontrullur, jiġu suċċessivament trasferiti lil persuni oħra li jkunu jwettqu l-kondizzjonijiet stipulati biex jibbenefikaw mill-proċedura in kwistjoni.

**B. Ipproċessar Intern**

**I. Ġenerali**

*Artiklu 8*

1. Għall-finijiet tat-Taqsima B ta' din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet li ġejjin:

(i) "oġġetti Maltin" tfisser -

(a) oġġetti li jinkisbu jew jiġu prodotti għalkollox f'Malta;

(b) oġġetti importati li jkunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera;

(ċ) oġġetti li jinkisbu jew jiġu prodotti f'Malta, jew minn oġġetti msemmija f'(b) biss jew minn oġġetti msemmija f'(a) u (b) hawn aktar qabel;

(ii) "oġġetti mhux Maltin" tfisser oġġetti li ma jkunux dawk imfissra taħt "oġġetti Maltin";

(iii) "sistema ta' sospensjoni" tfisser l-arranġamenti ta' ħelsien fl-ipproċessar intern kif hemm provdut dwar dan fil-paragrafu 2 (a);

(iv) "sistema ta' ħlas lura" tfisser l-arranġamenti ta' ħelsien fl-ipproċessar intern kif hemm provdut dwar dan fil-paragrafu 2 (b), mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 21 sa 26 ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni;

(v) "operazzjonijiet ta' ipproċessar" tfisser -

- il-manifattura ta' oġġetti inklużi l-bini u l-assemblaġġ tagħhom jew it-twaħħil tagħhom ma' oġġetti oħra;

- l-ipproċessar ta' oġġetti;

- it-tiswija ta' oġġetti, inkluż ir-ristawr tagħhom u li jitpoġġew f'ordni; u

- l-użu ta' ċerti oġġetti li m'għandhomx għax ikunu jinsabu fil-prodotti kompensattivi, iżda li jippermettu jew jiffaċilitaw il-produzzjoni ta' dawk il-prodotti, ukoll jekk dawk ikunu għalkollox jew biss f'parti minnhom użati fil-proċess;

(vi) "prodotti kompensattivi" tfisser kull prodott li jirriżulta mill-operazzjonijiet ta' ipproċessar;

(vii) "oġġetti ekwivalenti" tfisser oġġetti Maltin li jintużaw minflok l-oġġetti ta' importazzjoni għall-manifattura ta' prodotti kompensattivi;

(viii) "rata perċentwali" tfisser il-kwantità jew perċentaġġ ta' prodotti kompensattivi li tinkiseb mill-ipproċessar ta' kwantità fissa ta' oġġetti ta' importazzjoni;

(ix) "oġġetti ta' xorta mhux kummerċjali" tfisser oġġetti li d-dħul tagħhom għall-proċedura tad-dwana in kwistjoni tiġri b'mod okkażjonali u li x-xorta u l-kwantità tagħhom jindikaw li jkunu maħsuba għall-użu privat, personali jew fil-familja ta' min jirċevihom jew min ikun qed iġorrhom, jew li jkunu b'mod ċar maħsuba bħala rigali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 9, il-proċedura ta' ipproċessar intern għandha tippermetti dawn l-oġġetti li ġejjin li jintużaw f'Malta f'xi operazzjoni ta' ipproċessar waħda jew iktar:

(a) oġġetti mhux Maltin maħsuba għar-riesportazzjoni minn Malta fl-għamla ta' prodotti kompensattivi, mingħajr ma dawk l-oġġetti jkunu suġġetti għal dazji ta' importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali;

(b) oġġetti rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera bi ħlas mill-ġdid jew ħfir ta' ħlas tad-dazji ta' importazzjoni li jitħallsu fuq dawk l-oġġetti jekk dawk jiġu esportati minn Malta fl-għamla ta' prodotti kompensattivi.

*Artiklu 9*

1. Meta l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artiklu jkunu mwettqa, u bla ħsara għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artiklu, il-Kontrullur għandu jippermetti li:

(a) prodotti kompensattivi jinkisbu minn oġġetti ekwivalenti;

(b) prodotti kompensattivi li jinkisbu minn oġġetti ekwivalenti jiġu esportati minn Malta qabel ma jiġu importati l-oġġetti ta' importazzjoni.

2. Oġġetti ekwivalenti għandhom ikunu ta' l-istess kwalità u jkollhom l-istess karatteristiċi bħalma jkollhom l-oġġetti ta' importazzjoni. Madankollu, f'każijiet speċifiċi li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kontrullur, oġġetti ekwivalenti jistgħu jiġu permessi li jkunu fi stadju aktar avvanzat ta' manifattura mill-oġġetti ta' importazzjoni.

3. Meta jkun japplika l-paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu, l-oġġetti ta' importazzjoni għandhom jitqiesu għal finijiet ta' dwana bħala oġġetti ekwivalenti u dawn l-aħħar imsemmija bħala oġġetti ta' importazzjoni.

4. Miżuri li jkunu maħsuba biex jipprojbixxu jew jillimitaw l-adoperazzjoni tal-paragrafu 1 jistgħu jiġu adottati bil-mod kif stabbilit mill-Kontrullur.

5. Meta jiġi applikat is-subparagrafu 1 (b) ta' dan l-Artiklu u l-prodotti kompensattivi jkunu suġġettti għal dazji ta' esportazzjoni li kieku ma kienux qegħdin jiġu esportati jew riesportati taħt operazzjoni ta' ipproċessar intern, id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni għandu jagħti garanzija biex jiżgura li jsir il-ħlas tad-dazji li kieku l-oġġetti ta' importazzjoni ma jiġux importati fiż-żmien stabbilit.

## II. Għoti ta' l-awtorizzazzjoni

*Artiklu 10*

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-Kontrullur li tintuża proċedura ta' proċessar intern għandha ssir mill-persuna li twettaq l-operazzjonijiet ta' ipproċessar jew li tagħmel arranġamenti biex dawn jitwettqu.

*Artiklu 11*

L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss:

(a) lil persuni stabbiliti f'Malta. Madankollu, l-awtorizzazzjoni tista' tingħata lil persuni stabbiliti barra minn Malta għar-rigward ta' importazzjonijiet ta' xorta mhux kummerċjali;

(b) (i) meta, mingħajr preġudizzju għall-użu ta' l-oġġetti msemmija fl-aħħar subinċiż ta' l-Artiklu 8(1)(v) taħt "operazzjonijiet ta' ipproċessar", l-oġġetti ta' importazzjoni jistgħu jiġu identifikati fil-prodotti kompensattivi, jew,

(ii) fil-każ imsemmi fl-Artiklu 9, meta jkun jista' jiġi verifikat it-tħaris tal-kondizzjonijiet stipulati dwar oġġetti ekwivalenti;

(ċ) meta l-proċedura ta' ipproċessar intern tkun tista' tgħin l-iktar kondizzjonijiet favorevoli għall-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni ta' prodotti kompensattivi, sakemm l-interessi essenzjali ta' produtturi Maltin ma jintlaqtux b'mod avvers.

## III. Tħaddim tal-proċedura

*Artiklu 12*

1. Il-Kontrullur għandu jispeċifika l-perjodu li fih il-prodotti kompensattivi għandhom jiġu esportati u riesportati jew assenjati xi trattament jew użu ieħor approvat mid-dwana. Dak il-perjodu għandu jqis iż-żmien meħtieġ biex jitwettqu l-operazzjonijiet ta' ipproċessar u t-tneħħija tal-prodotti kompensattivi.

2. Il-perjodu għandu jibda għaddej mid-data meta l-oġġetti mhux Maltin jitqegħdu taħt il-proċedura ta' ipproċessar intern. Il-Kontrullur jista' jikkonċedi estensjoni hekk kif tiġi ppreżentata talba debitament sostanzjata mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni.

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, jista' jiġi deċiż li perjodu li jibda għaddej matul xi xahar jew tliet xhur kalendarji għandu jtemm fl-aħħar ġurnata ta' xahar jew tliet xhur kalendarji sussegwenti rispettivament.

3. Meta jkun japplika l-Artiklu 9 (1) (b), il-Kontrullur għandu jispeċifika l-perjodu li fih oġġetti mhux Maltin għandhom jiġu ddikjarati għall-proċedura. Dak il-perjodu għandu jibda għaddej mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni dwar il-prodotti kompensattivi li tinkiseb mill-oġġetti ekwivalenti korrispondenti.

4. Jistgħu jiġu stipulati termini ta' żmien speċifiċi hekk kif approvati mill-Kontrullur għal ċerti operazzjonijiet ta' ipproċessar jew għal ċerti oġġetti ta' importazzjoni.

*Artiklu 13*

1. Il-Kontrullur għandu jistabbilixxi jew ir-rata perċentwali ta' l-operazzjoni jew fejn ikun adattat, il-metodu kif dik ir-rata tiġi stabbilita. Ir-rata perċentwali għandha tiġi stabbilita u tissejjes fuq iċ-ċirkostanzi attwali li fih l-operazzjoni ta' ipproċessar tkun, jew għandha tkun, imwettqa.

2. Meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jiggarantixxu u, b'mod partikolari, fil-każ ta' operazzjoni ta' ipproċessar li soltu titwettaq taħt kondizzjonijiet tekniċi imfissra b'mod ċar li jkun jinvolvu oġġetti li jkollhom karatteristiċi sostanzjalment uniformi u li jirriżultaw fil-produzzjoni ta' prodotti kompensattivi ta' kwalità uniformi, jistgħu jiġu stipulati rati perċentwali *standard* kif jiġi stabbilit mill-Kontrullur abbażi ta' *data* attwali li tkun ġiet aċċertata minn qabel.

*Artiklu 14*

Il-każijiet fi fihom u l-kondizzjonijiet li taħtom oġġetti fi stat mhux mibdul jew prodotti kompensattivi għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jkunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kontrullur.

*Artiklu 15*

Bla ħsara għall-Artiklu 16, meta jkunu dovuti dazji ta' importazzjoni u ħlasijiet oħra ta' importazzjoni dwar oġġetti ta' importazzjoni, l-ammont ta' dawk id-dazji għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' elementi ta' tassazzjoni adattati għall-oġġetti ta' importazzjoni fil-waqt ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' tqegħid ta' dawn l-oġġetti taħt il-proċedura ta' ipproċessar intern.

*Artiklu 16*

Bħala deroga mill-Artiklu 15:

(a) il-Kontrullur jista' jassoġġetta prodotti kompensattivi għar-regoli li jiggvernaw l-istima ta' dazju stipulati taħt il-proċedura għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana, liema proċedura hemm provdut dwarha fl-Artiklu 24, meta l-oġġetti ta' importazzjoni jkunu setgħu tqiegħdu taħt dik il-proċedura;

(b) prodotti kompensattivi għandhom igawdu trattament tariffarju favorevoli minħabba fl-użu speċjali li jkunu maħsuba għalih, meta jsir provvediment għal dak it-trattament fil-każ ta' oġġetti importati identiċi;

(ċ) prodotti kompensattivi għandhom jiġu ammessi mingħajr ebda dazju ta' importazzjoni meta dak il-provvediment dwar li ma jkun hemm ebda dazju isir fil-każ ta' oġġetti identiċi li jiġu importati skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.

## IV. Operazzjonijiet ta' ipproċessar barra minn Malta

*Artiklu 17*

1. Il-prodotti jew oġġetti kompensattivi fi stat mhux mibdul, sew kollha kemm huma sew parti minnhom, jistgħu jiġu temporanjament esportati għall-finijiet ta' iktar ipproċessar barra minn Malta jekk dan jiġi hekk awtorizzat mill-Kontrullur, skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti ta' ipproċessar estern.

2. Meta jkunu dovuti dazji ta' importazzjoni jew ħlasijiet oħra dwar l-importazzjoni għar-rigward ta' prodotti importati mill-ġdid wara li jsirilhom l-ipproċessar barra minn Malta, għandu jitħallas dan li ġej:

(a) dazji ta' importazzjoni u, jew ħlasijiet oħra ta' importazzjoni fuq il-prodotti jew oġġetti kompensattivi fi stat mhux mibdul imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu, kalkolati skond l-Artikli 15 u 16; u

(b) dazji ta' importazzjoni fuq prodotti importati mill-ġdid wara ipproċessar barra minn Malta, li l-ammont tagħhom għandu jiġi kkalkulat skond il-provvedimenti li jirrigwardaw il-proċedura ta' ipproċessar estern, bl-istess kondizzjonijiet bħalma kienu japplikaw li kieku l-prodotti esportati taħt l-aħħar proċedura kienu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera qabel ma tkun seħħet dik l-esportazzjoni.

## V. Provvedimenti speċjali dwar is-sistema ta' ħlas lura

*Artiklu 18*

1. Is-sistema ta' ħlas lura tista' tintuża għall-oġġetti kollha ħlief -

(a) għal dawk l-oġġetti li fil-waqt li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet ta' importazzjoni kwantitattiva;

(b) meta l-ħlas lura għall-esportazzjoni jkun ġie stabbilit għall-prodotti kompensattivi fil-waqt li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni ta'r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' l-oġġetti ta' importazzjoni.

2. Fil-każ ta' esportazzjoni, għandu jingħata permess għall-użu tas-sistema ta' ħlas lura biss jekk, fil-waqt li tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tal-prodotti kompensattivi, ma jkun ġie stabbilit ebda rimborż għall-esportazzjoni għall-prodotti kompensattivi.

*Artiklu 19*

1. Id-dikjarazzjoni tar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera għadha tindika li s-sistema ta' ħlas lura tkun qed tiġi wżata u tipprovdi l-partikolaritajiet ta' l-awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artiklu 2.

2. Fuq talba tal-Kontrullur, dik l-awtorizzazzjoni għandha tintehmez mad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera.

*Artiklu 20*

Taħt is-sistema ta' ħlas lura, l-Artiklu 9(1)(b), (3) u (5), l-Artiklu 12 (3), u l-Artikli 14, 15 u 23 m'għandhomx japplikaw.

*Artiklu 21*

L-esportazzjoni temporanja ta' prodotti kompensattivi mwettqa kif hemm provdut fl-Artiklu 17(1) ma għandhiex titqies bħala esportazzjoni fis-sens tat-tifsira ta' l-Artiklu 22 ħlief meta dawk il-prodotti ma jerġgħux jiġu importati ġewwa Malta fiż-żmien preskritt.

*Artiklu 22*

1. Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni jista' jitlob li d-dazju ta' importazzjoni jerġa' jitħallas jew jerġa' jingħata meta huwa jkun jista' jistabbilixxi għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur li prodotti kompensattivi miksubin minn oġġetti ta' importazzjoni rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera taħt is-sistema ta' ħlas lura jkunu jew:

- ġew esportati; jew

- tpoġġew, bil-għan li eventwalment jerġgħu jiġu esportati, taħt proċedura ta' tqegħid fi mħażen tad-dwana, il-proċedura ta' importazzjoni temporanja jew il-proċedura ta' ipproċessar intern (arranġament sospensiv), jew ġewwa port ħieles,

sakemm il-kondizzjonijiet kollha għall-użu tal-proċedura jkunu wkoll ġew imwettqa.

2. Għall-finijiet li jiġu assenjati trattament jew użu approvat mid-dwana kif imsemmija fit-tieni subinċiż tal-paragrafu 1, prodotti kompensattivi għandhom jitqiesu li jkunu oġġetti mhux ta' Malta.

3. Il-perjodu li fih issir l-applikazzjoni għall-ħlas mill-ġdid għandu jiġi stabbilit mill-Kontrullur.

4. Prodotti kompensattivi jew oġġetti fi stat mhux mibdul imqiegħda taħt proċedura ta' dwana jew ġewwa port ħieles skond il-provvedimenti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artiklu għandhom jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera biss meta jiġi hekk awtorizzat mill-Kontrullur, li għandu jikkonċedi dik l-awtorizzazzjoni meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jitolbu. F'dak il-każ, u mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 16(b), l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni li jerġa' jiġi mħallas jew li jerġa' jingħata għandu jitqies bħala li jikkostitwixxi l-ammont tad-dazji ta' importazzjoni jew ta' ħlasijiet oħra ta' importazzjoni.

## VI. Provvedimenti oħra

*Artiklu 23*

Il-proċedura ta' ipproċessar intern, li tapplika s-sistema ta' sospensjoni għandha wkoll tapplika sabiex il-prodotti kompensattivi jistgħu jikkwalifikaw għal eżenzjoni mid-dazji ta' esportazzjoni li dwarhom prodotti identiċi miksubin minn oġġetti ta' Malta minflok oġġetti importati kienu kieku jħallsu.

## Ċ. Ipproċessar taħt kontroll tad-dwana

*Artiklu 24*

Il-proċedura għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana għandha tippermetti oġġetti mhux ta' Malta li jintużaw f'Malta f'operazzjonijiet li jibdlu x-xorta jew l-istat tagħhom, mingħajr ma jkunu suġġetti għal dazji ta' importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali, u għandha tippermetti li prodotti li jirriżultaw minn dawk l-operazzjonijiet jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera bir-rata ta' dazju ta' importazzjoni adattata għalihom. Dawk il-prodotti għandhom jissejħu prodotti ipproċessati.

*Artiklu 25*

Il-każi u l-proċeduri speċifiċi li taħthom il-proċedura ta' l-ipproċessar taħt kontroll tad-dwana tista' tintuża għandhom ikunu stabbiliti mill-Ministru. L-Anness A jelenka l-każi li fihom il-proċedura ta' l-ipproċessar taħt kontroll tad-Dwana tista' tintuża fil-preżent.

*Artiklu 26*

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-Kontrullur għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana għandha ssir mill-persuna li twettaq l-ipproċessar jew tirranġa li dan jitwettaq.

*Artiklu 27*

L-awtorizzazzjoni għandha biss tingħata:

(a) lil persuni stabbiliti f'Malta;

(b) meta l-oġġetti ta' importazzjoni jkunu jistgħu jintagħrfu fil-prodotti ipproċessati;

(ċ) meta l-oġġetti ma jkunux jistgħu jiġu ekonomikament ristawrati wara l-ipproċessar tagħhom għad-deskrizzjoni jew l-istat tagħhom kif kienu meta tqiegħdu taħt il-proċedura;

(d) meta l-użu tal-proċedura ma jkunx jista' jirriżulta f'tidwir ta' l-effett tar-regoli li jirrigwardaw l-oriġni u r-restrizzjonijiet kwantitattivi li japplikaw għall-oġġetti importati;

(e) meta jitwettqu l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-proċedura biex tiġi mgħejjuna tinħoloq jew tinżamm xi attività ta' ipproċessar f'Malta mingħajr ma jintlaqtu avversament l-interessi essenzjali ta' produtturi ta' Malta ta' oġġetti simili. Il-każi li fihom il-kundizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li ġew imwettqa għandhom ikunu stabbiliti mill-Ministru.

*Artiklu 28*

L-Artiklu 12(1), (2) u (4) u l-Artiklu 13 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

*Artiklu 29*

Meta d-dazji ta' importazzjoni u ħlasijiet oħra ta' importazzjoni jsiru dovuti dwar oġġetti fi stat mhux mibdul jew dwar prodotti li jkunu fi stat intermedju ta' ipproċessar kif imqabbla ma' dak li jkun hemm ipprovdut dwaru fl-awtorizzazzjoni, l-ammont ta' dawk id-dazji ta' importazzjoni għandi jiġi stabbilit abbażi tal-partiti ta' elementi ta' ħlas adattati għall-oġġetti ta' importazzjoni fil-waqt ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li tirrigwarda t-tqegħid ta' l-oġġetti taħt il-proċedura għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana.

*Artiklu 30*

Meta l-oġġetti ta' importazzjoni li jkunu kwalifikati għal trattament tariffarju favorevoli meta kienu tqiegħdu taħt il-proċedura għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana, u dak it-trattament tariffarju favorevoli jkun japplika għal prodotti identiċi għall-prodotti ipproċessati rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera, id-dazji ta' importazzjoni li għalihom ikunu suġġetti l-prodotti ipproċessati għandhom jiġu kkalkulati billi tiġi applikata r-rata ta' dazju li tkun tapplika taħt dak it-trattament.

**D. Ipproċessar Estern**

**I. Ġenerali**

*Artiklu 31*

1. Il-proċedura ta' ipproċessar estern għandha, mingħajr preġudizzju għall-provvedimenti li jirregolaw oqsma speċifiċi li jirrigwardaw is-sistema ta' skambju *standard* stipulati fl-Artikli 40 sa 45 jew għall-Artiklu 17, tippermetti oġġetti ta' Malta li jiġu temporanjament esportati minn Malta sabiex jgħaddu minn operazzjonijiet ta' ipproċessar u l-prodotti li jirriżultaw minn dawn l-operazzjonijiet li jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera b'ħelsien totali jew parzjali minn ħlasijiet ta' importazzjoni.

2. L-esportazzjoni temporanja ta' oġġetti ta' Malta għandha tkun tinvolvi l-applikazzjoni ta' dazji ta' l-esportazzjoni, miżuri ta' politika kummerċjali u ta' formalitajiet oħra għall-ħruġ ta' oġġetti ta' Malta minn Malta.

3. F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"oġġetti ta' esportazzjoni temporanja" tfisser oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura ta' ipproċessar estern;

"operazzjonijiet ta' ipproċessar" tfisser l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artiklu 8 (1)(v), l-ewwel, it-tieni u t-tielet subinċiżi;

"prodotti kompensattivi" tfisser il-prodotti kollha li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' ipproċessar;

"rata perċentwali" tfisser il-kwantità jew perċentaġġ ta' prodotti kompensattivi miksuba mill-ipproċessar ta' kwantità ta' oġġetti ta' esportazzjoni temporanja stabbilita.

*Artiklu 32*

1. Il-proċedura ta' ipproċessar estern ma għandhiex tkun miftuħa għal oġġetti ta' Malta:

- li l-esportazzjoni tagħhom tagħti lok għal ħlas mill-ġdid jew ħfir ta' dazji ta' importazzjoni jew ta' ħlasijiet oħra ta' importazzjoni,

- li, qabel l-esportazzjoni, kienu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera b'ħelsien totali minn dazji ta' importazzjoni bis-saħħa ta' l-użu aħħari, għaldaqskemm il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' dak il-ħelsien jibqgħu japplikaw.

2. Madankollu, jistgħu jingħataw derogi mill-Kontrullur mit-tieni subinċiż tal-paragrafu 1.

## II. Għoti ta' l-awtorizzazzjoni

*Artiklu 33*

1. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-Kontrullur għall-użu tal-Proċedura għall-Ipproċessar Estern għandha ssir mill-persuna li tirranġa biex isiru l-operazzjonijiet ta' ipproċessar.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 33 (1), l-awtorizzazzjoni biex tintuża l-proċedura ta' ipproċessar estern tista' wkoll tingħata mill-Kontrullur lil xi persuna oħra minbarra dik li hemm imsemmija fil-paragrafu 1 dwar oġġetti ta' oriġni Maltija meta l-operazzjoni ta' ipproċessar tkun tikkonsisti f'li dawk l-oġġetti jiġu inkorporati f'oġġetti miksubin barra minn Malta u importati bħala prodotti kompensattivi, sakemm l-użu ta' dik il-proċedura jkun jgħin biex iġib 'il quddiem il-bejgħ ta' oġġetti ta' esportazzjoni mingħajr ma avversament jintlaqtu l-interessi essenzjali ta' produtturi Maltin ta' prodott identiċi jew simili għall-prodotti kompensattivi importati.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artiklu, l-frażi "oġġetti ta' oriġni Maltija" tfisser oġġetti miksubin għalkollox jew prodotti f'Malta.

4. Il-frażi "oġġetti miksubin għalkollox f'Malta" tfisser:

(a) prodotti minerali estratti minn ġewwa Malta;

(b) prodotti tal-ħaxix li jinġabru f'Malta;

(ċ) annimali ħajjin imwielda jew imkabbra f'Malta;

(d) prodotti miksubin minn annimali ħajjin li jiġu mkabbrin f'Malta;

(e) prodotti tal-kaċċa jew tas-sajd li jsiru f'Malta;

(f) prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra li jittieħdu mill-baħar 'il barra mill-ibħra territorjali ta' Malta minn bastimenti reġistrati Malta u li jtajru l-bandiera Maltija;

(ġ) oġġetti miksubin jew li jiġu prodotti abbord bastimenti tas-sajd mill-prodotti msemmija fis-subparagrafu (f) li joriġinaw f'Malta, sakemm dawk il-bastimenti fabbrika jkunu reġistrati Malta u jtajru l-bandiera Maltija;

(h) prodotti li jittieħdu minn qiegħ il-baħar jew mis-sottoswol taħt qiegħ il-baħar 'il barra mill-baħar territorjali sakemm Malta jkollha drittijiet esklużivi li tesplojta qiegħ il-baħar jew is-sottoswol;

(i) prodotti ta' rimi u skrapp miksubin minn operazzjonijiet ta' manifattura u oġġetti użati, jekk dawn jinġabru minn Malta u jkunu biss tajba għar-rikupru ta' materja prima;

(j) oġġetti li jkunu prodotti f'Malta esklużivament minn oġġetti msemmija fis-subparagrafi (a) sa (i) jew mid-derivattivi tagħhom, f'kull stadju ta' produzzjoni.

5. Oġġetti li l-produzzjoni tagħhom kienet tinvolvi iktar minn pajjiż wieħed għandhom jitqiesu li jkunu oriġinaw fil-pajjiż fejn ikunu l-aħħar għaddew mill-ipproċessar jew lavur sostanzjali u ekonomikament ġustifikat f'intrapriża mgħammra għal dak l-għan u li jirriżultaw fil-manifattura ta' prodott ġdid jew li jkunu jirrappreżentaw stadju ta' manifattura importanti.

*Artiklu 34*

L-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss:

(a) lil persuni stabbiliti f'Malta;

(b) (i) meta jitqies li jkun possibbli li jiġi stabbilit li l-prodotti kompensattivi jkunu irriżultaw mill-ipproċessar ta' l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanji;

(ii) il-każijiet li fihom derogi mis-subparagrafu (b)(i) jistgħu jkunu japplikaw u l-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-derogi għandhom japplikaw għandhom jiġu stabbiliti mill-Kontrullur;

(ċ) meta l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' ipproċessar estern ma tkunx waħda li tagħmel ħsara gravi lill-interessi essenzjali tal-produtturi Maltin.

## III. Tħaddim tal-proċedura

*Artiklu 35*

1. Il-Kontrullur għandu jispeċifika l-perjodu li fih l-oġġetti kompensattivi għandhom jiġu importati ġewwa Malta. Huwa jista' jestendi dak il-perjodu meta jsiru sottomissjonijiet ta' talba debitament sostanzjata mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni.

2. Il-Kontrullur għandu jistabbilixxi jew ir-rata perċentwali ta' l-operazzjoni jew, meta jkun meħtieġ, il-metodu kif dik ir-rata għandha tiġi stabbilita.

*Artiklu 36*

1. Il-ħelsien totali jew parzjali mid-dazji ta' importazzjoni u minn ħlasijiet oħra ta' importazzjoni li hemm provdut dwarhom fl-Artiklu 37(1) għandu jingħata biss meta l-prodotti kompensattivi jiġu ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'isem jew għal:

(a) id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni,

jew

(b) xi persuna oħra stabbilita f'Malta sakemm dik il-persuna tkun kisbet il-kunsens tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni, u l-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni jitwettqu.

2. Il-ħelsien totali jew parzjali mid-dazji ta' importazzjoni jew ħlasijiet oħra ta' importazzjoni li hemm provdut dwaru fl-Artiklu 37 m'għandux jingħata meta xi waħda mill-kondizzjonijiet jew obbligazzjonijiet li jirrigwardaw il-proċedura ta' ipproċessar esterna ma titwettaqx, kemm-il darba ma jiġix stabbilit li n-nuqqasijiet ma jkollhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjonijiet korretti ta' dik il-proċedura.

*Artiklu 37*

1. Il-ħelsien totali jew parzjali minn dazji ta' importazzjoni li hemm provdut dwarhom fl-Artiklu 31 għandu jseħħ billi mill-ammont tad-dazji ta' importazzjoni li japplikaw għall-prodotti kompensattivi rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera, jitnaqqas l-ammont tad-dazji ta' importazzjoni li jkun kieku japplika fl-istess ġurnata għall-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja li kieku dawn ġew importati ġewwa Malta mill-pajjiż fejn kienu għaddew mill-operazzjoni ta' ipproċessar jew mill-aħħar operazzjoni ta' ipproċessar.

2. L-ammont li għandu jitnaqqas b'mod konformi mal-paragrafu (1) ta' dan l-Artiklu għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-kwantità u x-xorta ta' oġġetti in kwistjoni fid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li tkun tqegħdhom taħt il-proċedura ta' ipproċessar estern u abbażi tal-partiti l-oħra ta' ħlas li jkunu japplikaw għalihom fid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li tirrigwarda r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodotti kompensattivi.

3. Il-valur ta' l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja għandu jkun dak li jitqies għal dawk l-oġġetti sabiex jiġi stabbilit il-valur tad-dwana tal-prodotti kompensattivi skond it-Tielet Skeda ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni jew, jekk il-valur ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'dak il-mod, id-differenza bejn il-valur tad-dwana tal-prodotti kompensattivi u l-ispejjeż ta' l-ipproċessar stabbiliti b'modi raġonevoli.

4. Madankollu

- it-tagħbija, t-trasport u l-ispejjeż ta' l-assikurazzjoni li jsiru fil-ġarr ta' l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja minn Malta għal ġol-fond ta' min ikun se jipproċessa, m'għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat l-ammont li jkun se jitnaqqas;

- meta, qabel ma jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' ipproċessar estern, l-oġġetti ta' riesportazzjoni temporanja kienu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera b'rata mnaqqsa bis-saħħa ta' l-użu aħħari tagħhom, u għaldaqskemm il-kondizzjonijiet għall-għoti tar-rata mnaqqsa jibqgħu japplikaw, l-ammont li għandu jiġi mnaqqas għandu jkun l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni attwalment imposti meta l-oġġetti kienu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera.

5. Meta oġġetti ta' esportazzjoni temporanja jistgħu jikkwalifikaw mar-rilaxx tagħhom għal ċirkolazzjoni libera għal rata mnaqqsa jew rata żero ta' dazju bis-saħħa ta' l-użu aħħari tagħhom, dik ir-rata għandha titqies sakemm l-oġġetti għaddew minn operazzjonijiet konsistenti ma' dak l-użu aħħari fil-pajjiż fejn l-operazzjoni ta' ipproċessar jew dik l-aħħar operazzjoni tkun saret.

*Artiklu 38*

1. Meta l-għan ta' l-operazzjonijiet ta' ipproċessar jkun it-tiswija ta' l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja, dawn għandhom jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera b'ħelsien totali minn dazji ta' importazzjoni meta jkun stabbilit għas-sodisfazzjon tal-Kontrullur li l-oġġetti kienu ssewwew bla ebda ħlas, sew minħabba f'xi obbligazzjoni kontrattwali jew statutorja li toriġina minn garanzija jew minħabba f'xi difett fil-manifattura.

2. Il-paragrafu (1) ta' dan l-Artiklu m'għandux japplika meta d-difett jkun tqies fil-waqt meta l-oġġetti in kwistjoni jkunu ġew rilaxxati għall-ewwel darba għal ċirkolazzjoni libera.

*Artiklu 39*

Meta l-għan ta' l-operazzjoni ta' ipproċessar ikun it-tiswija ta' oġġetti ta' esportazzjoni temporanja u dik it-tiswija ssir u tkun ikkompensata bi ħlas, il-ħelsien parzjali minn dazji ta' importazzjoni li hemm provdut dwaru fl-Artiklu 31 għandu jingħata billi jiġi stabbilit l-ammont ta' dazji li jkun japplika abbażi ta' l-elementi ta' tassazzjoni li jkunu jolqtu l-prodotti kompensattivi fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' dawk il-prodotti u filwaqt li jitqies bħala l-valur tad-dwana ammont li jkun daqs l-ispejjeż tat-tiswija, sakemm dawk l-ispejjeż ikunu jirrappreżentaw l-uniku korrispettiv provdut mid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni u ma jkunux influwenzati minn xi rabtiet bejn dak id-detentur u l-operatur.

**IV. Ipproċessar estern bl-użu tas-sistema ta' skambju *standard***

*Artiklu 40*

1. Taħt il-kondizzjonijiet stipulati f'din it-Taqsima IV li huma applikabbli b'żieda mal-provvedimenti preċedenti, is-sistema ta' skambju *standard* għandha tkun tippermetti li prodott importat, hawn iżjed 'il quddiem "prodott rimpjazzat", jieħu post prodott kompensattiv.

2. Il-Kontrullur għandu jippermetti li tintuża s-sistema ta' skambju *standard* meta l-operazzjoni ta' ipproċessar tinvolvi t-tiswija ta' oġġetti Maltin.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 45, il-provvedimenti li japplikaw għal prodotti kompensattivi għandhom ikunu wkoll japplikaw għal prodotti rimpjazzati.

4. Il-Kontrollur għandu, taħt il-kondizzjonijiet li huwa jistabbilixxi, jippermetti li prodotti rimpjazzati għandhom jiġu importati qabel ma jiġu esportati l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanji (importazzjoni li ssir qabel ta' oġġett rimpjazzat).

5. Fil-każ ta' importazzjoni li ssir qabel, għandha tiġi pprovduta garanzija li tkun tkopri l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni.

*Artiklu 41*

1. Prodotti rimpjazzati għandu jkollhom l-istess klassifika tariffarja, jkunu ta' l-istess kwalità kummerċjali u jkollhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħalma kien ikollhom l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja li kieku dawn kienet saritilhom it-tiswija in kwistjoni.

2. (i) Meta l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja jkunu intużaw qabel l-esportazzjoni, il-prodotti rimpjazzati kellhom ukoll jintużaw u ma jistgħux ikunu prodotti ġodda.

(ii) Madankollu, il-Kontrullur jista' jikkonċedi derogi minn din ir-regola jekk il-prodott rimpjazzat ikun ġie fornut mingħajr ebda ħlas minħabba f'obbligazzjoni kontrattwali jew statutorja li toriġina minn xi garanzija jew minħabba f'xi difett fil-manifattura.

*Artiklu 42*

Skambju *standard* għandu jkun awtorizzat biss meta jkun possibbli li jiġi verifikat li jkunu mwettqa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artiklu 41.

*Artiklu 43*

1. Fil-każ ta' importazzjoni li ssir qabel, l-oġġetti ta' esportazzjoni għandhom ikunu esportati temporanjament fil-perjodu ta' xahrejn mid-data ta' aċċettazzjoni mill-Kontrullur tad-dikjarazzjoni dwar ir-rilaxx tal-prodotti rimpjazzati għal ċirkolazzjoni libera.

2. Madankollu, meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jkunu hekk jeħtieġu, il-Kontrullur jista, fuq talba tal-persuna involuta, jtawwal f'limiti raġonevoli l-perjodu msemmi fil-paragrafu (1) ta' dan l-Artiklu.

*Artiklu 44*

Fil-każ ta' importazzjoni li ssir qabel u meta jiġi applikat l-Artiklu 37, l-ammont li għandu jiġi mnaqqas għandu jiġi stabbilit abbażi tal-partiti ta' ħlas applikabbli għall-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja fid-data ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni li tkun tqiegħdhom taħt il-proċedura.

*Artiklu 45*

1. L-Artiklu 33(2) u l-Artiklu 34(b) m'għandhomx japplikaw fil-kuntest ta' skambju *standard*.

2. Il-proċeduri li hemm provdut dwarhom fil-kuntest ta' pproċessar estern għandhom ikunu wkoll japplikaw għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali komuni non-tariffarja.

**E. Mħażen tad-Dwana**

*Artiklu 46*

1. Il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana għandha tkun tippermetti l-ħażna f'maħżen tad-dwana ta' oġġetti:

(a) mhux ta' Malta, mingħajr dawk l-oġġetti ma jkunu suġġetti għal dazji ta' importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali;

(b) ta' Malta, meta l-leġislazzjoni ta' Malta li tirregola oqsma speċifiċi tkun tipprovdi li t-tqegħid tagħhom f'maħżen tad-dwana tattira l-applikazzjoni ta' miżuri li normalment jirriferixxu għall-esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

2. "Maħżen tad-dwana" tfisser post approvat mill-Ministru u li jkun taħt is-sorveljanza tal-Kontrullur fejn jistgħu jinħażnu oġġetti taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-Ministru.

3. Dawk il-każijiet li fihom l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana mingħajr ma jinħażnu f'maħżen tad-dwana, għandhom jiġu stipulati skond il-proċedura stabbilita mill-Kontrullur.

*Artiklu 47*

Maħżen tad-dwana jista' jkun sew maħżen pubbliku jew maħżen privat.

"Maħżen pubbliku" tfisser maħżen tad-dwana li jkun disponibbli biex jintuża minn kull min ikun irid għat-tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana.

"Maħżen privat" tfisser maħżen tad-dwana riservat għat-tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana mill-operatur tal-maħżen.

L-operatur tal-maħżen hu min ikun awtorizzat jopera l-maħżen tad-dwana.

Id-depożitant hu min ikun marbut bid-dikjarazzjoni li jqiegħed l-oġġetti taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana jew kull min ikollu trasferiti lilu d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' l-ewwel persuna.

*Artiklu 48*

1. L-operazzjoni ta' maħżen tad-dwana għandu jkun suġġett għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni mill-Ministru, kemm-il darba l-Kontrullur ma jkunx jopera l-maħżen tad-dwana hu nnifsu.

2. Kull min ikun jixtieq jopera maħżen tad-dwana għandu jressaq talba bil-miktub li jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa għall-għoti ta' l-awtorizzazzjoni, b'mod partikolari filwaqt li juri li jkun hemm ħtieġa ekonomika għal tqegħid ta' oġġetti fi mħażen. L-awtorizzazzjoni għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għat-tħaddim tal-maħżen tad-dwana.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ biss lil persuni stabbiliti f'Malta.

*Artiklu 49*

L-operatur ta' maħżen tad-dwana jkun responsabbli biex:

(a) jiżgura li filwaqt li l-oġġetti jkunu fil-maħżen tad-dwana dawn ma jiġux imneħħija mis-sorveljanza tad-dwana;

(b) iwettaq l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mill-ħżin ta' oġġetti koperti mill-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana; u

(ċ) jara li jitħarsu l-kondizzjonijiet partikolari speċifikati fl-awtorizzazzjoni.

*Artiklu 50*

1. B'deroga mill-Artiklu 49, meta l-awtorizzazzjoni tkun tinvolvi xi maħżen pubbliku, din tista' tipprovdi li r-responsabbiltajiet imsemmija fl-Artiklu 49 (a) u, jew l-Artiklu 49 (b) jkunu jiddevolvu esklużivament fuq id-depożitant.

2. Id-depożitant għandu f'kull waqt ikun responsabbli għat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mit-tqegħid ta' oġġetti taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana.

*Artiklu 51*

Id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' operatur tal-maħżen jistgħu, bi ftehim mal-Kontrullur, jiġu trasferiti lil xi persuna oħra.

*Artiklu 52*

Mingħajr preġudizzju għall-Artiklu 5, il-Kontrullur jista' jitlob li l-operatur ta' maħżen jipprovdi garanzija f'dak li jkollu x'jaqsam mar-responsabbiltajiet speċifikati fl-Artiklu 49.

*Artiklu 53*

Il-persuna maħtura mill-Kontrullur għandha żżomm *stock records* ta' l-oġġetti kollha imqiegħda taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen f'dik il-forma approvata mill-istess Kontrullur. Ma jkunux meħtieġa *stock records* meta maħżen pubbliku jkun operat mill-Kontrullur.

Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-Artiklu 3, l-Kontrullur jista' jiddispensa mill-ħtieġa ta' *stock records* meta r-responsabbiltajiet imsemmija fl-Artiklu 49 (a) u, jew fl-Artiklu 49 (b) jkunu jappartjenu esklużivament lid-depożitant u l-oġġetti jitqiegħdu taħt dik il-proċedura abbażi ta' dikjarazzjoni bil-miktub li tkun tifforma parti mill-proċedura normali.

*Artiklu 54*

1. Meta jkun hemm xi ħtieġa ekonomika u s-sorveljanza tad-dwana ma tkunx milquta avversament biha, il-Kontrullur jista' jippermetti li:

(a) oġġetti ta' Malta minbarra dawk imsemmija fl-Artiklu 46(1)(b) jiġu maħżuna fil-fond ta' maħżen tad-dwana;

(b) oġġetti mhux ta' Malta li għandhom jiġu ipproċessati fil-fond ta' maħżen tad-dwana taħt il-proċedura ta' ipproċessar intern, bla ħsara għall-kondizzjonijiet li hemm ipprovdut dwarhom b'dik il-proċedura. Il-formalitajiet li tista' ssir dispensa minnhom f'maħżen tad-dwana għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita mill-Kontrullur;

(ċ) oġġetti mhux ta' Malta li għandhom jiġu pproċessati fil-fond ta' maħżen tad-dwana taħt il-proċedura ta' ipproċessar taħt kontroll tad-dwana, bla ħsara għall-kondizzjonijiet li hemm ipprovdut dwarhom b'dik il-proċedura. Il-formalitajiet li tista' ssir dispensa minnhom f'maħżen tad-dwana għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stabbilita mill-Kontrullur.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-oġġetti ma jkunux suġġetti għall-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana.

3. Il-Kontrullur jista' jkun jeħtieġ li l-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jinkitbu fi *stock record* kif provdut dwaru fl-Artiklu 53.

*Artiklu 55*

Oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana għandhom jinkitbu fi *stock records* kif provdut dwarhom fl-Artiklu 53 minnufih kif jinġiebu fil-maħżen tad-dwana.

*Artiklu 56*

M'għandu jkun hemm ebda limitu għal kemm żmien l-oġġetti għandhom jibqgħu taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana.

Madankollu, f'każijiet eċċezzjonali, il-Kontrullur jista' jistabbilixxi terminu ta' żmien li fih id-depożitant jassenja lill-oġġetti xi trattament jew użu ġdid approvat mid-dwana.

*Artiklu 57*

1. Oġġetti ta' importazzjoni jistgħu jgħaddu mill-istess metodi ta' maniġġ maħsuba biex jippriservhom, itejjeb id-dehra jew il-kwalità tagħhom fis-suq jew iħejjijhom għad-distribuzzjoni jew bejgħ mill-ġdid.

2. Il-metodi ta' maniġġ li hemm provdut dwarhom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu awtorizzati bil-quddiem mill-Kontrullur, li għandu jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu jseħħu.

3. Qiegħed jiġi pprovdut fl-Anness B dwar il-listi ta' metodi ta' maniġġ msemmija fil-paragrafu 1, u dawn jistgħu jiġu emendati mill-Ministru.

*Artiklu 58*

1. Meta ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana jistgħu jitneħħew temporanjament mill-maħżen tad-dwana. Dik it-tneħħija għandha tkun awtorizzata bil-quddiem mill-Kontrullur, li għandu jistipula l-kondizzjonijiet li taħthom din tkun tista' ssir.

2. Filwaqt li jkunu barra mill-maħżen tad-dwana l-oġġetti jistgħu jgħaddu mill-metodi ta' maniġġ msemmija fl-Artiklu 57 taħt il-kondizzjonijiet hemm stabbiliti.

*Artiklu 59*

Il-Kontrullur jista' jippermetti li oġġetti mqiegħda taħt il-proċedura ta' tqegħid ta' oġġetti fi mħażen tad-dwana jiġu trasferiti minn maħżen tad-dwana għall-ieħor.

*Artiklu 60*

1. Meta jkunu dovuti xi dazji tad-dwana jew xi ħlasijiet oħra ta' importazzjoni għar-rigward ta' oġġetti importati u l-valur tad-dwana ta' dawk l-oġġetti jkun ibbażat fuq prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas li jinkludi l-ispejjeż tat-tqegħid ta' oġġetti fi mħażen u ta' l-ippriservar ta' oġġetti waqt li dawn jibqgħu fil-maħżen, dawk l-ispejjeż m'hemmx għalfejn ikunu inklużi fil-valur tad-dwana jekk dawn jintwerew separatament mill-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas għall-oġġetti.

2. Meta dawk l-oġġetti jkunu għaddew mill-metodi tas-soltu ta' maniġġ fi ħdan it-tifsira ta' l-Artiklu 57, ix-xorta ta' l-oġġetti, il-valur tad-dwana u l-kwantità li għandha titqies sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' dazji ta' l-importazzjoni għandhom, fuq talba tad-dikjarant, ikunu dawk li kieku kienu jitqiesu għall-oġġetti , fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 12A ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni li kieku ma jkunux għaddew minn dak il-maniġġ. Madankollu, jistgħu jiġu adottati derogi mill-Kontrullur minn dan il-provvediment.

# ANNESS A

## LISTA TA' OPERAZZJONIJIET GĦALL-IPPROĊESSAR IMSEMMIJA FL-ARTIKLU 25

| Kolonna 1<br><br>**Oġġetti li dwarhom hu awtorizzat l-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana** | Kolonna 2<br><br>**Ipproċessar li jista' jsir** |
|---|---|
| Oġġetti ta' kull xorta | Ipproċessar f'kampjuni ppreżentati bħala tali jew imqegħdin bħala settijiet |
| Oġġetti ta' kull xorta | Riduzzjoni għal rimi jew skrapp jew qirda |
| Oġġetti ta' kull xorta | Bdil tan-natura ta' oġġett |
| Oġġetti ta' kull xorta | Irkupru ta' xi parts jew komponenti |
| Oġġetti ta' kull xorta | Separazzjoni u, jew qerda ta' parts bil-ħsara |
| Oġġetti ta' kull xorta | Ipproċessar sabiex jissewwew l-effetti tal- ħsara li tkun ġrat |
| Oġġetti ta' kull xorta | Għamliet tas-soltu ta' maniġġ permessi fi mħażen tad-dwana (ara Skeda D) |
| Żejt tal-ġewż ta' l-Indi li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 1513 11 10 00<br>jew<br>Frazzjonijiet fluwidi ta' żejt tal-ġewż ta' l-Indi li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 1513 19 30 00<br>jew<br>Żejt tal-qalba tal-palma li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 1513 21 11 00<br>jew<br>Frazzjonijiet fluwidi ta' żejt tal-qalba tal-palma li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta *ex* 1513 29 30 00<br>jew<br>Żejt tal-Babassu li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-dwana ta' Malta 1513 21 19 00 | Ipproċessar fi:<br>– Taħlitiet ta' aċidi xaħmin li jinkwadraw taħt il-Kodiċijiet ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 3823 11 00 00, 3823 12 00 00 u 3823 19<br>– Aċidi xaħmin li jinkwadraw taħt il-Kodiċijiet ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 2915 70 15 00, 2915 70 25 00, 2915 90 10 00, *ex* 2915 90 80 00, *ex* 2916 15 00 00 u *ex* 2916 19 80 00<br>– Taħlita ta' *methyl esters* ta' aċidi xaħmin li jinkwadraw taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta *ex* 3824 90<br>– *Methyl esters* ta' aċidi xaħmin li jinkwadraw taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta *ex* 2915 70 20 00, *ex* 2915 70 80 00, *ex* 2915 90 80 00, *ex* 2916 15 00 00 u *ex* 2916 19 80 00<br>– Taħlita ta' tipi ta' alkohol xaħmin li jinkwadraw taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta *ex* 3823<br>– Tipi ta' alkohol xaħmin li jinkwadraw taħt il-Kodiċijiet ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 2905 16 80 00, 2905 17 00 00 u ex 2905 19<br>– Gliċerina li tinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta *ex* 1520 |

| **Kolonna 1**<br><br>**Oġġetti li dwarhom hu awtorizzat l-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana** | **Kolonna 2**<br><br>**Ipproċessar li jista' jsir** |
|---|---|
| Prodotti li jinkwadraw taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 2707 10, 2707 30, 2707 50, 2707 91 00 00, 2707 99 99 00 u 2710 00 | Ipproċessar fi prodotti li jinkwadraw taħt il-Kodiċijiet ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 2710 00 71 00 jew 2710 00 76 00 |
| Żjut mhux maħduma li jinkwadraw taħt il-Kodiċijiet ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 2707 99 11 00 u 2707 99 19 00 | Ipproċessar fi prodotti li jinkwadraw taħt il-Kodiċijiet ta' Tariffa ta' Dwana ta' Malta 2707 10 90 00, 2707 20 90 00, 2707 30 90 00, 2707 50 90 00, 2707 99 30 00, 2902 20 90 00, 2902 30 90 00, 2902 41 00 00, 2902 42 00 00, 2902 43 00 00 u 2902 44 90 00 |
| *Dichromium trioxide* li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 2819 10 00 00 | Ipproċessar fi kromju li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 8112 20 31 00 |
| *Skating boots* mingħajr skejz mgħaqqdin magħhom, taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 6403 19 | *Roller skates* tal-Kodiċi ta' Tariffa 9506 70 30 00 |
| Żejt ir-riġnu li jinkwadra taħt il-Kodiċi ta' Tariffa tad-Dwana ta' Malta 1515 30 90 00 | Ipproċessar fi:<br>– Żejt ir-riġnu idroġenat ("xama' opal") tal-Kodiċi ta' Tariffa 1516 20 10 00<br>– Aċidu 12-*hydroxystearic* (purità anqas minn 90%) tal-Kodiċi ta' Tariffa 3823 19 10 00<br>– Aċidu 12-*hydroxystearic* (purità 90% jew aktar) tal-Kodiċi ta' Tariffa 2918 19 90<br>– Gliċerol tal-Kodiċi ta' Tariffa 2905 45 00 00 |
| Kull tip elettroniku ta' komponenti, parts, assemblaġġ (inklużi sotto-assemblaġġi), jew materjal (sew jekk elettroniku sew jekk le), li huma vitali għat-twettiq tat-tħaddim elettroniku tal-prodott ipproċessat | Ipproċessar fi prodotti tal-teknoloġija ta' l-informatika tal-Kodiċi ta' Tariffa 8471 |

## ANNESS B

## LISTA TA' METODI TA' MANIĠĠ PERMESSI FI MHAŻEN TAD-DWANA

Kemm-il darba ma jiġix speċifikat xort'oħra, ebda ħaġa f'dan il-maniġġ m'għandu jagħti lok għal *HS Code* differenti sal-livell ta' tmien ċifri fit-Tariffa tad-Dwana ta' Malta, L-Ewwel Skeda, Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.

I. Operazzjonijiet sempliċi sabiex jiżguraw il-preservazzjoni ta' l-oġġetti ta' importazzjoni f'kondizzjoni tajba matul il-ħżin:

1. Ventilazzjoni, tifrix, tinxif, tneħħija ta' trabijiet, operazzjonijiet sempliċi ta' tindif, tiswija ta' l-ippakkjar, tiswijiet elementari ta' ħsarat li jkunu saru waqt it-trasport jew il-ħżin sakemm dan ikun biss jinvolvi operazzjonijiet sempliċi, l-applikazzjoni u t-tneħħija ta' kisjiet protettivi magħmulin għal waqt il-ġarr.

2. *Stocktaking*, teħid ta' kampjuni u wżin ta' l-oġġetti.

3. Tneħħija ta' komponenti bil-ħsara jew kontaminati.

4. Konservazzjoni permezz ta' irradjazzjoni jew iż-żjieda ta' preservattivi.

5. Trattament kontra l-parassiti.

6. Kull trattament billi titbaxxa t-temperatura, ankè jekk dan jirriżulta f'*HS Code* differenti fil-livell ta' tmien ċifri fit-Tariffa tad-Dwana ta' Malta.

II. Dawn l-operazzjonijiet li ġejjin li jtejbu l-preżentazzjoni jew kemm jistgħu jinbiegħu l-oġġetti ta' importazzjoni:

1. Tneħħija taz-zokk jew l-għadma tal-frott.

2. L-assemblaġġ u l-immuntar ta' oġġetti, unikament jekk dan ikun jinvolvi l-immuntar għalfuq prodott ta' aċċessorji komplet li ma jkollhomx rwol essenzjali fil-manifattura tal-prodott, ukoll jekk dan jirriżulta f'*HS Code* differenti fil-livell ta' tmien ċifri għall-aċċessorji ta' oġġetti immuntati.

3. Id-desalinazzjoni, tindif u ċċattjar ta' ġlud.

4. Żjieda ma' oġġetti, jew ma' tip wieħed jew iktar differenti ta' oġġetti, sakemm din iż-żjieda tkun waħda relattivament żgħira u ma tkunx tibdel ix-xorta ta' l-oġġetti oriġinali, wkoll jekk dan ikun jirriżulta f'*HS Code* differenti fil-livell ta' tmien ċifri fit-Tariffa tad-Dwana ta' Malta għall-oġġetti miżjuda; l-oġġetti miżjuda jistgħu wkoll ikunu prodotti li tqegħdu taħt ir-reġim ta' tqegħid fl-imħażen.

5. Li jinħallu l-fluwidi, wkoll jekk dan jirriżulta f'*HS Code* differenti fil-livell ta' tmien ċifri fit-Tariffa tad-Dwana ta' Malta.

6. It-taħlit li jsir bejn oġġetti ta' l-istess xorta, bi kwalità differenti, sabiex tinkiseb kwalità kostanti jew kwalità kif meħtieġa mill-klijent, mingħajr ma tinbidel ix-xòrta ta' l-oġġetti.

7. Il-frid ta' oġġetti jekk biss isiru operazzjonijiet sempliċi.

III. Dawn l-operazzjonijiet li ġejjin li jhejju l-oġġetti ta' importazzjoni għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ mill-ġdid:

1. Tqassim, filtrar mekkaniku, klassifika u ċaqlieq.

2. Aġġustament u regolamentazzjoni.

3. Ippakkjar, spakkjar, bdil ta' ppakkjar, tferrigħ u trasferiment sempliċi f'kontenituri, wkoll jekk dan ikun jirriżulta f'*HS Code* differenti fil-livell ta' tmien ċifri fit-Tariffa tad-Dwana ta' Malta.

4. It-twaħħil u l-bdil ta' marki, siġilli, tikketti, indikazzjonijiet ta' prezzijiet jew sinjali distintivi simili oħra; dan m'għandux jagħti lok għall-ksib ta' oriġni apparenti li tkun differenti minn dik vera.

5. L-ittestjar, l-aġġustament u t-tqegħid fi stat li jaħdmu ta' makni, apparat u vetturi, jekk biss ikunu involuti operazzjonijiet sempliċi.

6. L-ittestjar sabiex jiġi kkontrollat t-tħaris ta' *standards* tekniċi Ewropej.

7. It-tqattigħ u tgħaffiġ ta' frott jew ħxejjex imnixxfa.

8. Trattament kontra s-sadid.

9. Rikostruzzjoni ta' l-oġġetti wara li jkunu ġew trasportati.

10. Li titgħolla t-temperatura sabiex l-oġġetti jkunu jistgħu jiġu trasportati.

11. Li ssir il-mogħdija ta' tessili kontra t-tikmix.

12. Trattament elettrostatiku ta' tessili.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 500 ta' l-20 ta' Frar, 2001.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*